**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**SEDE CIVILI**

**ONOR. MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 7 TA' DICEMBRU 2001**

Avviz nru: 775/01DM

Lombard Bank Malta plc

Vs

Anthony u Marie Claire konjugi Borg

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema il-bank attur talab il-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu is-somma ta' elf sebgha mija tmienja u ghoxrin liri Maltin u sebgha u sittin centezmi (Lm1, 728.67) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-'loan account' li ghandhom huma mal-istess bank attur, bl-interessi kkalkolati sal-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed (2001) skond statement anness mal-avviz u mmarkat Dok A oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-ewwel (1) t'Awissu tas-sena elfejn u wiehed (2001) sad-data tal-pagament effettiv liema self gie moghti bis-sahha ta' kuntratt ippublikat minn n-Nutar Maurice Gambin datat wiehed u

tletin (31) ta' Lulju tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (1997) li kopja legali tieghu huwa anness mal-avviz u mmarkat Dok B.

Bl-ispejjez kollha inkluz l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tas-16 ta' Mejju 2001, bl-imghaxijiet legali mill-1 t'Awissu 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u ghaldaqstant wara li semghet il-provi prodotti mill-bank attur konsistenti fid-deposizzjoni ta' Raymond Formosa u rat id-dokumenti esebiti, issib illi it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u il-Qorti qieghda tilqa` it-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti sabiex in solidum bejniethom ihallsu lil atturi is-somma mitluba ta' elf sebgha mija u tmienja u ghoxrin liri Maltin u sebgha u sittin centezmi (Lm1, 728.67) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 t'Awissu tas-sena 2001; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Mag. Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

S. Farrugia
Dep/Reg